KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43 — Tlieta 23 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis 7:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier
Maria Pia Bonnici- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Angele Rapa – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Alex Muscat – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

### Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

### 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Il-Kunsillier Angele Rapa għandha tipprovdi ċertifikat tas-*sick*, biex l-ittra ta' apoloġija tiġi aċċetata.

## 43.2 Rapporti-Risposta għall-Ittra tad-Direzzjoni lil Awdituri

L-*accountant* tal-Kunsill Daniel Galea, spjega li l'awdituri ġew jagħmlu l'*audits,* u wara saru l'*adjustments* kif ġew approvati fil-laqgħa tas-27 ta' April, 2017. L-*accountant* spjega li l'awdituri qabdu l-*management letter* tas-sena ta' qabel biex jaraw li 'l kunsill indirizza l'*improvements* li ġew mitluba mil-awdituri.

Paġna 2, tispjega punti li ġew indirizzati u oħrajn li għadhom ma ġewx indirizzati, fejn l'awdituri jagħmlu nota fuqhom. *Chapter 1,* huwa *comparison* ma dawk tat-2015. Paragrafu 2 fuq l'*income,* l'awdituriirrimarkaw fuq il-*Local Enforcement System per region.* Din bħas sena ta' qabel ma setgħatx tiġi ndirizzata peress li 'l-Kunsill tal-Mosta jagħmel parti mill-kumitat konġunt ta' qabel ma bdew ir-reġjuni, u ma tajnihomx il-*financial statements* tal-kumitat konġunt. Naturalment jekk ma jsirx mil-kumitat, aħna bħala kunsill ma nistawx nipreżentawħ, u din hija problema li kunsilli oħra jgħaddu minna wkoll. L'awdituri semmew wkoll xi diskrepanzi fil-*Local Enforcement System,* fejn aħna qed nuru ammont ta €1,213, u huma qed jgħidu li hemm €1,434. Ħafna drabi din tkun *timing difference* fejn il-kunsill jkun għad jrid jirċievi 'l flus, jew it-*time frames* tar-rapport jkunu differenti mit-*time frames* ta' l-*accounts.*

L'awdituri kkumentaw wkoll fuq dawn il-punti:-

- Irċevuti ta' ħlas jsiru manwali, mentri suppost il-kunsill joħroġhom b'mod awtomatiku mis-sistema. Il-Kunsill irrisponda li f'dan il-każ ma jużax sistema elettronika peress, li jirrikonċilia kuljum *by end of day,* u 'l flus jiġu depożitati 'l bank dak in-nhar stess, jiġifieri kuljum. U dawn jerġaw jiġu verifikati kull xahar ma' lis-*statements* tal-bank.

- *Bye-laws* li għadhom pendenti. Il-Kunsill irrisponda li għadna qed nistennew mingħand l'avukat tal-kunsill.

- Bilanċi fl'*accounts* li huma antiki. Dawn il-kunsill m'għandux dokumenti għalihom u ma jafx ta' x'hiex inhuma, għalhekk jirriflettu fl'*accounts* ta' kull sena.

- Pagi: Hawnhekk issemmiet il-paga tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' qabel, fejn l'awdituri ma qablux li 'l paga tiegħu titnaqqas bil-15% *part-time tax.* Din hija teknika żgħira fejn jekk tkun qed taħdem *part-time* bniedem għandu dritt li jagħżel taxxa ta' 15%. L'awdituri qalu OK, pero' għalkemm l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħadem ma żewġ kunsilli, xorta naqaw taħt id-dipartiment tad-DLG li huwa *same employer,* u l'awdituri kemm irrimarkaw u ma talbux li jsir aġġustament.

- *Allowance* tal-kunsilliera: Kif tafu f'Diċembru li għadda d-DLG ħareġ ċirkulari fejn ittri ta' appoloġijji ma jiġux ikkunsidrati għal ħlas ta' *allowance,* u imbagħad ħarġet ċirkulari oħra f'Jannar, fejn id-deċiżjoni tkun f'idejn il-Kunsill. Għalhekk kien hemm xi diskrepanzi li huma ġustifikati minħabba tibdiliet li ħarġu b'dawn iċ-ċirkulari.

- Paga u *bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv eżistenti, fejn semmew li kien hemm xi diskrepanzi. Dawn id-diskrepanżi kienu minħabba li 'l-kuntratt ġie ffirmat fil-bidu ta' 2017, u għalhekk ma konniex nafu taħt liema *notch* kella tinħadem il-paga, u saru l'aġġustamenti kif suppost.

- Diskrepanza fl'*allowance* tas-Sindku ta' €40, fejn is-Sindku beda fit-13 ta' Diċembru u l'*accountant* tal-kunsill ħadem l'*allowance* fuq *Monday to Friday pro-rata,* imma l'awdituri qalu li trid tinħadem fuq *Monday to Sunday.*

- *Reimbursemen*t tal-mowbajl, fejn ġibdu l'attenżjoni sakemm inqaleb in-numru bl'indirizz tal-kunsill, li hija normali sakemm saret ic-*change over* u *settling-in* tas-Segretarju Eżekuttiv.

- *Procurement procedures*: l'awdituriikkumentaw li hemm numru ta' kuntratti li huma skaduti. Dawn kienu diġa skaduti meta bdiet is-Segretarju Eżekuttiv, u bħalissa il-kunsill qed jaħdem fuqhom.

- Pagamenti li tħallsu qabel ma ġew approvati fil-laqgħa. Dawn il-pagamenti tħallsu qabel l'approvazzjoni għax kienu urġenti, u hemm dawk li huma relatati tal-PPP, li jridu jitħallsu għax hemm *payment terms* diġa stabiliti.

- 2 *invoices* neqsin relatati ma *patching* għax ma kienx hemm *works order.* Din il-Kunsill jaf bija, u kien irraporta lid-dipartiment fuqa, fejn is-Sindku ta' qabel is-Sur Edwin Vassallo kien talab xi xogħol lil perit tal-kunsill mingħajr ma nforma l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' qabel, u għalhekk kien hemm xi *works orders* li ma sarux.

- *Fixed Assets*: l'AFR tal-kunsill mhuwiex aġġornat. Din trid tiġi *tackled,* u id-dipartiment din is-sena ta' *concession* ta' ultimatum, sa l'aħħar ta' din is-sena.

- *Insurance:* l'awdituri kkumentaw li l'*insurance* tvarja mill l'ammont li hemm fl'*accounts,* għax hija inqas mil-*fixed assets* li għandu 'l kunsill. Dawn il-maġġoranza huma relatati ma *tarmac.* Din hemm raġuni teknika u prattika għalija, għax ma tagħmilx sens li inti tagħmel *insurance* fuq *patching,* jew fuq affarijiet li m'hemmx riskju li ħa jiġrilhom xi ħaġa għax jiġu spejjes żejda għal-Kunsill. Fil-fatt l'ANSEK kien ħareġ pożizzjoni fuqa għax ma tagħmilx sens li inti tinxurja siġra jew triq, jew affarijiet li m'humiex *insurable.*

- Kotba (*stocks of books)*: Din is-sena ma semmewx li qed nevalwaw il-kotba *at selling price.* Din konna ċċaranija ma' l'awdituri, pero' jekk hemm xi kotba li huma antiki u *obsolete* dawn jiġu *written off.* Wara dawn inkunu nistaw intuhom bħala *donation.* L'awdituri talbu li dawn jkollhom *insurance,* pero' il-kunsill ma jaqbilx li kotba u mappep li huma antiki u *obsolete* jkollhom *insurance,* għax dawn il-kotba u 'l mappep qed jinżammu f'post adegwat u m'hemx riskju li ssirilhom ħsara.
Il-Kunsill qablu unanimament li jiġu *written off* mill-kotba tal'*accounts.*

- *Recievables:* Kien hemm ammont ta' *claim* fuq ħsarat mingħand *insurance company*, fejn dan ġie *written off* fuq parir ta' l'avukat.

- Diskrepanza fuq *invoice* tal-lift ta' €51 ta' l-elettriku, pero' din hija ġustifikata għax kienet għada ma nħarġietx, għax ovvjament il-kunsill ma joħroġ *invoice* kuljum imma kul tlett xhur.

- Targa Battery: diskrepanza fuq l'ammont ta' kirja li hija ġustifikata, għax jekk taħdima *weekly* tiġi mod, u jekk taħdima *monthly* tiġi mod ieħor. Din hija varjanza żgħira ta' xi €25, għax ma tkopriex mil-bidu tas-sena sa' l-aħħar bl'eżatt. Dan m'hu qed jonqos jew jiżdied xejn min naħa tal-kunsill, imma sempliċiment fl'aħħar tas-sena jkun hemm ħlas li jsir bil-quddiem, jew wara.

- *Payables*/Bilanċi: Kemm jista jkun il-kunsill jiġbor *statements* fil-ħin, pero' dawn mhux dejjem jaslu regolarment mis-*suppliers*.

- *Refundable Deposits:* Depożiti mit-2007 sa 2016 li qatt ma ġew *claimed,* xi darba il-kunsill jrid jieħu deċizjoni u jara legalment jistax jeħodhom biex jintużaw fuq bankini jew bżonnijiet oħra.
  Il-Kunsill iddeċieda biex jitkellem ma l'avukat tal-kunsill biex jara jekk hemx preskrizjoni fuq dawn id-depożiti.

- Lands Department: Bilanċ pagabli lil Lands Department li dejjem jissemma mill-awdituri, fejn hemm kawża il-qorti li għada għadejja fuq flus li qatt m'għaddew lil Lands Department mis-Segretarju Eżekuttiv ta' Alphonse Anastasi.

- *Diferred Income*: Il-PPP qed jasal fl'aħħar, l'ammont li għandu jinqata dalwaqt.

- *Annual Budget*: L'awdituri ppruvaw jikkumparaw mal-*budget plan,* fejn jirrifletti li 'l kunsill qiegħed *in-line.*

- *Council Meetings*: L'awdituri kkumentaw li kien hemm żewġ laqgħat li domna aktar min tlett siegħat.

- Attendenża: L'awdituri kkumentaw li kien hemm erba kunsilliera li fallew erba laqgħat konsekutivi. Il-liġi tal-kunsilli tgħid li jekk wieħed ma jattendiex għal erba laqgħat wara xulxin, il-Ministru jrid jiġi nfurmat.

- Awditur: L'awdituri semmew il-kumment ta' l'*accountant* fejn qed jipprova jimeljora l'affarijiet kemm jista jkun, pero' jekk l'*accountant* ma sabx il-pedamenti mhux sew meta beda mal-kunsill, ovvjament ċerti affarijiet ħa jibqgħu ma jistawx jittranġaw fuq l'affarijiet li sab.

- *Liquidity Position*: Kif diġa kkumentaw fil-*quarterly reports* il-kunsill għandu problema ta' likwidita'. Issemma wkoll il-*Mid Term Audits,* fejn meta jkun hawn

Segretarju Eżekuttiv ġdid il-liġi tgħidlek li jrid jsir *Mid Term Audit*. Il-Kunsill informa l'NAO li hawn Segretarju Eżekuttiv ġdid, pero' l'NAO ma bagħtux awdituri, peress is-Segretarju Eżekuttiv ġiet appuntata f'Ottubru ta' 2016 u għalhekk ma kienx jagħmel sens li jsir *Mid Term Audit,* biex f'Diċembru jingħalqu l'*accounts* tas-sena, għax kienu se jiġu *overlapped*, u titlef kull skop tiegħu.

L'accountant Daniel Galea, spjega li dan kollu li semma f'din il-laqgħa, qiegħed mniżżel bħala risposta mil-Kunsill għal *Management Letter.*

**43.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad- 19 ta' Ġunju fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 23.05.2017.

Ivan Bartolo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv